# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 120/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jeremy Cutajar**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Jeremy Cutajar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 380685M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-27 t' Ottubru, 2017 sa l-24 ta' Novembru gewwa l-Gzejjer Maltin, naqas li jaghti lil Priscilla Sultana, is-somma ta' €400, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Marzu, 2018 li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ordnatlu ihallas s-somma ta' €250 fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' Jeremy Cutajar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Marzu, 2018, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **thassar u tirrevoka s-sentenza** appellata u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant ressaq tlett aggravji ghall-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti, l-ewwel wiehed mill-liema jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti, skond hu, zbaljat, mil-ewwel Qorti. Fit-tieni aggravju, jilmenta dwar is-setgha tal-ewwel Qorti li tikkundannah ghal-hlas ta' dejn ta' natura civili u fit-tielet wiehed isostni li qatt ma kellu jkun imputat b'dan ir-reat;

2. Il-fatti tal-kaz huma fis-semplicita taghhom li l-kwerelanta tallega li l-appellant, minkejja li ordnat b'digriet tal-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, ihallas manteniment ghat-trobbija ta' uliedu, naqas milli jhallas l-ammont shih. L-appellant, izda irribatta li ghad li kien hemm zmien meta kien tardiv fil-pagament fl-intier tieghu, irrimedja din il-morozita' fil-hin u ghalhekk ma kien hemm ebda lok ghal-dawn il-proceduri. Opportunament ghalhekk, tajjeb li qabel xejn issir referenza ghad-digriet tal-Qorti Civili u t-talba maghmula mill-kwerelanta quddiem dik il-Qorti;

3. Fir-rikors taghha tas-26 ta' Lulju, 2017 il-Kwerelanta, wara li ppremettiet illi l-intimat, l-appellant odjern, qieghed ihallas is-somma ta' €150 fix-xahar ghall-kull minuri izda xtaqet li jkun regolat hlas rapprezentanti spejjez ta' edukazzjoni u dawk medici. Il-Qorti Civili laqghet it-talba bis-segwenti digriet moghti fil-25 t'Ottubru, 2017 : "Tordna lill-Jeremy Cutajar ihallas lil Priscilla Sultana s-somma ta' erba' mitt euro (€400) kull erba' gimghat b'effett mis-26 ta' Lulju, 2017 ..... ". U hawn jinsab il-qofol tal-kwistjoni kollha ghaliex l-appellant jargumenta illi meta wiehed jikkalkola erba' gimghat konsekuttivament mis-26 ta' Lulju, 2017 huwa kien ghadu fil-hin li jhallas il-manteniment, igifieri entro il-hmistax-il jum ravvizat fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, meta il-kwerelanta ghamlet ir-rapport taghha lill-Pulizija;

4. L-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, jipprovdi illi persuna hija hatja ta' kontravenzjoni jekk tonqos milli thallas dik is-somma iffissata bhala manteniment per via ta' kuntratt jew b'ordni tal-Qorti. L-obbligu tal-hlas, izda, jiddekorri "*fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma*". Jehtieg ghalhekk li issa jkun iccarat iz-zmien li fih l-appellant kellu jhallas dan il-manteniment mill-25 t'Ottubru 2017 'l quddiem ghal fini tal-imputazzjoni odjerna tenut kont illi l-effett retroattiv tad-digriet

tal-Qorti Civili ma jistax iqiegħed lill-appellant f'sitwazzjoni ta' infrazzjoni tal-liġijiet penali;

5. Illi, skond l-appellant, huwa kellu jħallas fi żmien ħmistax-il jum il-manteniment mis-segwenti dati, igifieri darba kull erba gimgħat: 26 ta' Lulju, 23 t'Awwissu, 20 ta' Settembru, 18 t'Ottubru u 15 ta' Novembru, 2017. Fit-18 t'Ottubru, kellu żmien sat-2 ta' Novembru, biex jissalda l-pagament iżda dan kien għadu fil-perjodu retroattiv tad-digriet u għalhekk mhux soggett għall-effett penali. L-ewwel pagament li jirrientra fl-ambitu tal-artikolu 383(z) huwa dak dovut fil-15 ta' Novembru 2017 jekk il-ħlas ma jsirx fi żmien 15-il jum igifieri sat-30 ta' Novembru, 2017;

6. Issa mill-provi akkolti, huwa palesi li r-rapport tal-kwerelanta lill-Pulizija sar fil-15 ta' Novembru 2017 dwar l-allegat nuqqas tal-imputat li jħallas manteniment dovut għall-perjodu 27 t'Ottubru sal-24 ta' Novembru, 2017. Illi għalhekk huwa evidenti illi l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza dan il-fatt li ma huwiex wieħed soggett għall-interpretazzjoni ta' parti jew oħra għaliex huwa matematikament kalkolabbli. Jidher illi l-kwerelanta waslet biex stabbiliet id-data tal-ħlas billi kkalkolat jumejn wara d-data tad-digriet tal-Qorti Civili u stenniet 15-il jum biex l-appellant iħallas, naqas milli jagħmel hekk għaliex il-kalkoli tiegħu bdew kif indikat *supra* u dan id-diżgwid ta lok għal-proceduri odjerni;

7. L-appellant għalhekk għandu raġun fl-ewwel aggravju tiegħu u fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-każ għalhekk, l-ewwel Qorti ma setgħetx legalment tasal biex issib lill-appellant ħati u din il-Qorti ser ikollha tirrimpjazza id-diskrezzjoni eżercitata minn dik tal-ewwel grad. Konsegwentement ma hemmx ħtieġa li jsiru kunsiderazzjoniijiet dwar it-tieni u t-tielet aggravji;

8. Għal dawn il-motivi, l-appell qed ikun milqugħ u s-sentenza appellata qed tkun revokata u l-appellant qed ikun meħlus minn kull ħtija u piena.